# LUX FILM DAYS

3 FILMS
24 LINGWA
28 PAJJIŻ


© Slot_Machine

## WOMAN AT WAR (KONA FER Í STRÍÐ)

**Film ta' Benedikt Erlingsson**
**L-Iżlanda, Franza, l-Ukrajna**

LUX FILM PRIZE
IL-PARLAMENT EWROPEW
IMPENN FAVUR IL-KULTURA

Ewropa Kreattiva
MEDIA

Parlament Ewropew

# WOMAN AT WAR (KONA FER Í STRÍÐ)

**FILM TA' BENEDIKT ERLINGSSON**

Halla, li għandha 50 sena, tidderieġi kor f'Rejkjavik. Għandha rabta qawwija mal-art sabiħa tagħha tal-Iżlanda, in-natura eċċezzjonali tagħha, u tħossha mħassba ħafna dwar it-tisħin tal-klima u d-diżastri ambjentali. Ikidduha partikolarment il-proġetti ta' espansjoni ta' fabbrika tal-aluminju. Klandestinament twettaq atti ta' sabutaġġ fuq il-linji ta' vultaġġ qawwi biex twaqqaf il-funzjonament tal-fabbrika u tqajjem kuxjenza pubblika. Iżda l-pjanijiet tagħha jiġu mfixkla meta tirċievi aħbar mhux mistennija. Hi kienet ilha snin li applikat biex tadotta, u issa jinfurmawha li l-Ukrajna hemm tifla żgħira li qed tistenniha.

*Woman at War* hija ħrafa ambjentali li tqajjem ħafna mistoqsijiet, sikwit b'sens ta' umoriżmu, dwar is-sens u l-piż tal-azzjoni individwali fil-konfront tal-apatija tal-awtoritajeit fil-ġlieda kontra t-tisħin tal-klima.

## ĦRAFA AMBJENTALI

Il-film *Woman at War* huwa ppreżentat bħala ħrafa ambjentali. Il-film jiftaħ b'sekwenza fejn Halla, bil-qaws tagħha, titfa' vleġġa biex toħloq kuntatt bejn il-kejbils ta' linja ta' vultaġġ qawwi. Il-personaġġ ifakkarna b'dan il-mod f'nies bħal William Tell jew Robin Hood: persuna weħidha li b'ġest spettakolari u kkontrollat ħafna, toħloq effett qawwi. Din l-impressjoni hija kkonfermata sussegwentement, meta nifhmu li Halla, persuna umli iżda li taġixxi bi qlubija, tattakka lill-industrija tal-aluminju, avversarju ħafna aktar qawwi minnha. L-isem li tuża meta twettaq is-sabutaġġi, "Mountain Woman" (il-Mara tal-Muntanji), u l-maskra (ta' Nelson Mandela!) li tilbes biex tgħatti wiċċha meta jsegwiha dron, huma ċ-ċirasa fuq il-kejk ta' din l-immaġni ta' "kavallier bil-maskra".

Elementi oħra tal-film iqarrbuh lejn l-idea ta' ħrafa. Apparti n-nuqqas ta' dettalji dwar il-karattru prinċipali (x'inhu l-passat tagħha? kif taqla' l-għajxien?), wieħed jista' pereżempju jinnota d-distakk li toħloq il-preżenza regolari ta' orkestra jew ta' trio ta' kantanti Ukreni. Dawn iż-żewġ gruppi, li b'xi mod jirrappreżentaw l-emozzjonijiet ta' Halla, xi drabi donnhom kompliċi mqarba, u xi drabi donnhom kor antik, u dan ma jimxix ma dak li hu konvenzjonali f'dan il-ġeneru ta' ċinema. Waqt li ċ-ċinema tistedinna nissospendu l-ġudizzju tagħha biex nemmnu dak li qed naraw, id-dehra fuq l-iskrin ta' mużiċisti jew kantanti tintuża biex tfakkar li dan hu rumanz.

Iżda forsi aktar mill-għażliet ċinematografiċi, il-fatt li l-film jibqa' vag f'ċerti aspetti jxebbħuh ma' ħrafa: l-isfidi tal-kunflitt bejn Halla u l-industrija mhumiex żviluppati. (Għalfejn tattakka lill-industrija tal-aluminju u mhux lil industriji oħra?) X'inhi t-theddida li tirrappreżenta din l-industrija għall-ambjent? L-investituri Ċiniżi kif jinfluwenzaw is-sitwazzjoni? X'tistenna eżattament Halla? M'hemmx tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet). Halla "sempliċiment" tiddefendi n-Natura, li hija indispensabbli biex jissopravvivi l-bniedem, u b'mod usa', il-ħlejqiet kollha tad-dinja, u topponi l-industrija, li tniġġes, u responsabbli fil-parti l-kbira tat-tisħin tal-klima u ta' tant diżastri ambjentali madwar id-dinja. "Mhux jien il-kriminali, huma l-kriminali" tgħid lill-bidwi li jiġi jgħinha. Bħalma jiġri fil-ħrejjef, l-oppożizzjoni hija goffa u tal-Manikej.

## TAQBIDA INDIVIDWALI

L-eżempju ta' Halla, li anonima u weħidha tiġġieled kontra industrija qawwija b'kapital internazzjonali, tirrappreżenta spirtu li forsi huwa kondiviż ħafna, ta' "nibdel id-dinja waħdi". Nifirħu meta naraw lil Halla taġixxi b'mod trasgressur għal kawża ġusta u b'mod klandestin.... Imqanqal bl-azzjoni, ir-riskju u s-sens ta' stennija, l-ispettatur għal mumet jissospendi s-sens kritiku u japplawdi lill-personaġġ awdaċi. Iżda d-dibattitu kkawżat mill-attivitajiet jibqgħu fl-isfond, insiru nafu bihom pereżempju permezz tat-televiżjoni li jxandru ġurnali u filmati li jiddiskutu s-sabutaġġi u l-konsegwenzi ekonomiċi tagħhom. Sal-jum meta' "Mountain Women" tissemma minn persuna mhux magħrufa li tilmenta dwar iż-żieda probabbli fl-għoli tal-ħajja. B'hekk, l-azzjonijiet ta' Halla jista' jkollhom riperkussjonijiet negattivi diretti fuq il-"ħajja tan-nies" (u b'mod partikolari tal-ifqar nies, u dan ċertament mhux l-iskop). M'hemmx dubju dwar l-inkwiet li din l-opinjoni tqanqal f'Halla kieku Asa, oħtha t-tewmija, ma nzertatx għamlet intervent u qajmet id-dubju dwar il-leġittimità tal-azzjoni individwali fuq skala kbira. Huwa leġittimu li tieħu azzjonijiet li se jkollhom impatt fuq persuni li mhumiex responsabbli għal dak li wieħed jixtieq jiddenunzja?

Waqt li Halla tiffavorixxi atti dramattiċi b'konsegwenzi spettakolari b'rispons għal problemi serji u urġenti, Asa tiddefendi l-idea li jkun aħjar li jitwettqu atti tajba fuq skala iżgħar: "il-qatra timla l-ġarra", tgħid. F'din il-perspettiva, l-adozzjoni ta' Nika mhix biss kontinġenza li twassal lil Halla biex tkun flessibbli fil-pjan tagħha billi twaqqaf l-azzjonijiet ta' sabutaġġ tagħha u tippubblika l-manifest tagħha qabel ma kien previst, iżda sfida sħiħa: li ssalva lil Nika, toħroġha mill-miżerja u l-iżolament (u l-għargħar), ukoll huwa forma ta' "nsalva d-dinja", tgħid Asa. B'hekk, iż-żewġ perspettivi kuntrarji (li tuża mezzi kbar biex tilħaq objettivi enormi kontra li twettaq atti żgħar b'objettivi raġonevoli, li meta jkunu ripetuti u akkumulati jwasslu għal bidla profonda) jiltaqgħu bis-saħħa ta' din it-tifla ċkejkna, li l-adozzjoni naturalment tibdlilha ħajjietha, dik ta' ommha u ċertament ukoll dik tan-nies ta' madwarha.

## TAQBIDA POLITIKA

Bis-sabutaġġi tagħha, Halla tattakka l-industrija tal-Iżlanda, kif ukoll lill-gvern. Dan għandu kull interess li l-ekonomija ma ssib l-ebda ostaklu jfixkilha. It-taqbida ta' Halla hija waħda politika. Fil-manifest tagħha, hi tpoġġi l-liġijiet tal-binedem taħt liġijiet oħra, superjuri, tal-antenati... Għal Baldwin, il-kompliċi tagħha fil-ministeru, l-għażla tal-kliem tagħha hija skomda, u forsi sfortunata. Fil-fatt, il-mezzi tax-xandir malajr daħlu fl-istorja bi spekulazzjoni dwar dawn il-"liġijiet" u dak li jkopru. Huma jistgħu jagħtu lok għal kull xorta ta' interpretazzjonijiet, minn dawk fantastiċi sa dawk estremisti. Fil-vokabularju tal-mezzi tax-xandir tintuża wkoll il-kelma "demokrazija": il-prattiki ta' "Mountain Woman" mhumiex demokratiċi għax huma jirrappreżentaw ir-rieda ta' individwu wieħed. Iżda lil hinn mid-diskorsi u mill-kliem, li l-mezzi tax-xandir u l-gvern huma esperti fihom — pereżempju, il-kelma "vjolenza" tintuża meta jiġu diskussi s-sabutaġġi waqt li Halla tinsisti fuq il-wirt mhux vjolenti ta' Gandhi jew ta' Nelson Mandela! — il-film jiddeskrivi żewġ realtajiet verament opposti. Fl-istess ħin li fih il-gvern u l-mezzi tax-xandir jitkellmu dwar id-demorazija, naraw jiġu installati l-kameras tas-sorveljanza, tintuża l-aktar teknoloġija avvanzata biex tiġi interċettata l-persuna li qed twettaq is-sabutaġġ, tintalab tiġi denunzjata u "jiġi midfun" il-manifest waqt li jiġu mħeġġa fil-mezzi tax-xandir sensiela ta' opinjonijiet li jxejn lil "Mountain Woman", filwaqt li jiġi arrestat tliet darbiet turist sfortunat mill-Amerka t'Isfel! Il-President tar-Repubblika, ridott għal gwida turistika, jiġi ridikolat. Halla tgħix skont il-prinċipji tagħha u f'armonija man-natura: hi torqod mal-art u tpoġġi wardet wiċċha fuq il-ħamrija, hi taf il-muntanja u tgawdi l-moħbiet li toffri, mix-xquq san-ngħaġ, sal-ilma tax-xmara li tinżel fih biex taħrab id-dron. Meta bidwi jiġi jgħinha, dan jagħmel hekk għax jemmen li Halla tiġi minnu mill-bogħod, u dan jindika s-saħħa tal-koeżjoni soċjali u tal-familja, u l-għajnuna tiegħu hija saħansitra aktar effikaċi għax hu jaf sewwa lill-art tiegħu: il-pajsaġġi jindikalu mnejn se tgħaddi Halla meta taħrab, u jwassalha fejn l-għejun tal-misħun biex terġa' tisħon. Apparti n-ngħaġ, simbolu ta' pastoraliżmu tal-antenati, li jservu bħala moħba u rifuġju għal Halla.

U apparti l-indipendenza u l-proklamazzjoni tar-Repubblika tal-Iżlanda msemmija diversi drabi fil-film! Dawn jidhru bħala aneddoti għall-kap politiku, biż-żjara turistika tas-sit ta' Pingvellir fejn ġiet programmata r-Repubblika, filwaqt li għal Halla dawn għandhom sinifikat importanti li tqassam il-manifest tagħha quddiem il-Parlament u f'ħoġor l-istatwa ta' Jon Sigurdsson, mexxej tal-moviment paċifista għall-indipendenza tal-Iżlanda, u għall-bidwi li jixtieq jirkupra l-karozza tiegħu qabel il-festa nazzjonali! Is-saħħa ta' Halla, bl-ispontanjetà tagħha, bl-inġenwità tagħha, is-sinċerità u l-konvinzjoni profonda tagħha, hija ċertament ħafna iktar konvinċenti mill-manuvri u l-kalkoli tal-konsulenti tal-President.

## PROFONDITÀ MHUX MISTENNIJA?

L-aħħar immaġni tal-film hija ftit enigmatika. Iqajmilna l-kurżità l-fatt li dan il-film mimli avventura u umoriżmu jispiċċa b'din ix-xena: il-personaġġi, fosthom Halla li għandha lit-tifla ċkejkna tagħha fuqha u s-sitt mużiċisti li akkumpanjawha matul il-film, jinżlu mix-xarabank, jimxu fl-ilma u jitbiegħdu waqt li jtuna daharhom. It-tmiem pożittiv tal-film — Halla tasal lura d-dar maċ-ċkejkna Nika — huwa mnaqqax b'sentiment stramb, ta' ċerta serjetà. Ir-ritorn tagħhom lejn l-Iżlanda jobbligahom jaqsmu bil-mixi minn żona mgħarrqa ... B'hekk, jekk l-istorja individwali tal-eroj tagħha u bintha tispiċċa b'mod sabiħ, l-istorja kollettiva għadha ma spiċċatx. F'diversi partijiet tad-dinja, il-fqar qed ikomplu jitilfu djarhom, l-art tagħhom u dak kollu li jippossedu minħabba diżastri marbuta mat-tibdil fil-klima.



© Slot_Machine




**XI MISTOQSIJIET BIEX IMMORRU LIL HINN**

- Inti personalment, spontanjament tadotta l-perspettiva ta' Halla jew dik ta' Asa? Taħseb li huwa aħjar "tagħti bil-qawwi" biex tbiddel l-affarijiet, jew li l-azzjonijiet żgħar ta' kuljum jippermettu li jsiru bidliet fil-fond? Taħseb li l-ġlieda kontra t-tisħin tal-klima hi daqstant urġenti li ma nistax nikkuntentaw irwieħna bl-azzjonijiet żgħar ta' kuljum?
- L-immaġni ta' Nelson Mandela u ta' Gandhi f'darha jindikaw li Halla taġixxi fuq il-bażi ta' reżistenza mhux vjolenti. U l-film, filwaqt li diversi drabi juża l-umoriżmu, iġiegħlna nżommu ma' Halla. Taħseb li l-umoriżmu jista' jservi bħala arma? F'liema kuntest? F'liema ċirkustanzi?
- Iż-żewġt aħwa jinkorporaw tip ta' armonija, kull waħda minnhom bil-mod tagħha. L-armonija tal-kant korali, l-armonija tal-movimenti tat-Tai Chi, l-armonija tan-natura, l-armonija tal-joga … M'hemmx ukoll forma ta' armonija man-naħa l-oħra tal-ispettru filosofiku tal-film, fl-industriji kbar li Halla? tiġġieled kontrihom? Il-linji ta' vultaġġ qawwi li hi tattakka, mhumiex huma wkoll l-istrument ta' armonija artifiċjali prodiġjuża?
- Smajtha s-sentenza li qalet Asa: "Se ssalva tifla u d-dinja magħha?" X'taħseb li tfisser din is-sentenza, fil-fehma tiegħek?

les grignoux

## IĊ-ĊINEMA EWROPEA MIĠJUBA LILL-EWROPEJ

IL-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX ikompli jżewweġ varjetà inkredibbli ta' ġeneri u toni permezz tal-films ta' reġisti żgħażagħ Ewropej li għandhom talent. Il-Parlament Ewropew għandu l-unur jippreżenta t-tliet films li qegħdin jikkompetu għall-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX 2018:

**STYX**, film ta' Wolfgang Fischer, il-Ġermanja, l-Awstrija

**THE OTHER SIDE OF EVERYTHING** (*Druga strana svega*), film ta' Mila Turajlić, is-Serbja, Franza, il-Qatar

**WOMAN AT WAR** (*Kona fer í stríð*), film ta' Benedikt Erlingsson, l-Iżlanda, Franza, l-Ukrajna

Il-films jittrattaw kwistjonijiet topiċi, b'mod kaloruż u intelliġenti, u jirriflettu dak li għaddejja minnu l-Ewropa bħalissa. Huma jippreżentaw personaġġi li jiftħu għajnejhom għad-dinja ta' madwarhom sabiex jifhmu r-realtà u s-soċjetajiet u l-komunitajiet li jappartjenu għalihom. Permezz tal-istejjer tagħna u bis-saħħa tal-emozzjoni li tqanqal iċ-ċinema, joħorġu fid-dieher il-kwalità u d-diversità taċ-ċinema Ewropea, kif ukoll l-importanza tagħha għall-bini tal-valuri soċjali u tal-komunitajiet kulturali. Nistednuk tara l-films matul is-7 edizzjoni tal-LUX FILM DAYS.

## IL-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX

Il-kultura tiżvolġi rwol fundamentali fit-tiswir tas-soċjetajiet tagħna.

B'dan il-ħsieb, il-Parlament Ewropew nieda l-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX fl-2007. B'dan il-mod il-Parlament jixtieq jgħin biex tikber id-distribuzzjoni tal-films Ewropej fl-Ewropa u jħeġġeġ dibattitu Ewropew dwar kwistjonijiet ewlenin tas-soċjetà.

Il-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX hu inizjattiva straordinarja. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-koproduzzjonijiet Ewropej jintwerew biss fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom u rarament jiġu ddistribwiti f'pajjiżi oħra, lanqas saħansitra f'dawk tal-Unjoni, il-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX joffri l-opportunità unika li tliet films Ewropej jiġu sottotitolati fl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-rebbieħ tal-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX se jintgħażel b'votazzjoni mill-Membri tal-Parlament Ewropew u jitħabbar fl-14 ta' Novembru 2018.

## LUX FILM DAYS

Il-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX wassal għall-ħolqien tal-LUX FILM DAYS. Mill-2012, it-tliet films li jkunu qed jikkompetu għall-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX jiġu ppreżentati lill-pubbliku usa' Ewropew waqt il-LUX FILM DAYS.

Il-LUX FILM DAYS huma stedina għal esperjenza kulturali memorabbli li tittraxxendi l-fruntieri. Minn Ottubru 2018 sa Jannar 2019, inti tista' tingħaqad ma' dilettanti oħra taċ-ċinema mill-Ewropa kollha u tassisti għall-wiri tat-tliet films b'waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Tinsiex tivvota għall-film favorit tiegħek permezz tas-sit web tagħna luxprize.eu jew permezz tal-paġna Facebook tagħna!

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-PUBBLIKU

Ir-rakkomandazzjoni tal-pubbliku hija l-premju tal-għażla tal-udjenza fil-qafas tal-PREMJU ĊINEMATOGRAFIKU LUX. Tinsiex tivvota għal wieħed mit-tliet films qabel il-31 ta' Jannar 2019! Jista' jkollok l-opportunità li tintgħażel biex tattendi l-Festival taċ-Ċinema Internazzjonali ta' Karlovy Vary f'Lulju 2019, fuq stedina tal-Parlament Ewropew, u li tħabbar il-film rebbieħ tar-Rakkomandazzjoni tal-Pubbliku.

ARA,
IDDIBATTI
U VVOTA!

@luxprize

#luxprize

LUX
PRIZE
.EU

ISBN 978-92-846-3404-0 – doi:10.2861/41281

**REĠISTA:** Benedikt Erlingsson

**XENAĠĠATURA:** Benedikt Erlingsson, Ólafur Egill Egilsson

**ATTURI:** Halldóra Geirharðsdóttir, Jóhann Sigurðarson, Juan Camillo Roman Estrada, Jörundur Ragnarsson, Davíð Þór Jónsson, Magnús Tryggvason Eliasen, Ómar Guðjónsson, Haraldur Stefansson

**DIRETTUR TAL-FOTOGRAFIJA:** Bergsteinn Björgúlfsson

**PRODUCERS:** Marianne Slot, Benedikt Erlingsson, Carine Leblanc

**PRODUZZJONI:** Slot Machine, Gulldrengurinn, Solar Media Entertainment, Köggull Filmworks, Vintage Pictures

**SENA:** 2018

**TUL:** 101 minuta

**ĠENERU:** Rumanz

**PAJJIŻI:** L-Iżlanda, Franza, l-Ukrajna

**VERŻJONI ORIĠINALI:** Iżlandiż (kif ukoll Ingliż u Spanjol)

**DISTRIBUTUR(I):** Picturehouse

Manuskritt mitmum f'Lulju 2018.






© Slot_Machine


© Slot_Machine